MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 395/2005

**George Debattista (K.I. Nru.548337M)**

**Vs**

**Carmelo Mannicoli**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-attur sabiex il-konvenut fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk stabbilit minn din il-Qorti, jizgombra mill-fond mahzen li jinsab numru 8, Middleman Street, Marsa a favur tal-attur li jipposjedi l-istess mahzen taht titolu ta' kera, u dan peress li l-konvenut qed jokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi, in kwantu qed jokkupah b'mera toleranza tal-attur.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra nterpellatorja datata 25 ta' Frar 2005 u tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu 2005, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal skopijiet ta’ kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond de quo ma jeccedix l-ammont ta‘ mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fid-9 ta' Novembru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex sal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Dicembru 2005, jizgombra mill-fond mahzen li jinsab f’numru 8, Middleman Street, Marsa a favur tal-attur li jipposjedi l-istess mahzen taht titolu ta’ kera u dan peress li l-konvenut qed jokkupa l-imsemmi fond minghajr titolu validu fil-ligi u kwantu qed jokkupaw b’mera tolleranza tal-attur; bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta’ Frar 2005 u ta’ dik ufficjali tal-10 ta’ Marzu 2005 kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------